**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 192/11VG**

**Matthew Bajada**

**Vs**

**Joseph Cuatajr, u l-atti tal-kawza in kwantu rigwarda l-istess Joseph Cutajar li miet fil-mori tal-proceduri gew assunti minn Susan Callus fis-26 ta' Ottubru 2015, u Sharon Camilleri**

**Illum 9 ta' Dicembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Matthew Bajada fl-14 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema jitlob li Joseph Cutajar u Sharon Camilleri jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' erbat elef erba' mija u tmintax-il Euro (€4,418) rapprezentanti diversi xoghlijiet rezi, spejjez inkorsi u *parts* mixtrija ghall-opra tal-bahar 'Twinkle 1, Valletta' da parte tieghu fuq inkarigu taghhom, prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet u spejjez gew minnu effettivament rezi w inkorsi, bl-imghax dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 4 ta' Frar 2011, kontra Joseph Cutajar u Sharon Camilleri;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok."MB1" sa' Dok. "MB3" a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Joseph Cutajar u Sharon Camilleri permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) in linea preliminari Sharon Camilleri li giet citata bhala debitrici ta' l-attur, fil-verità ma kellha l-ebda involviment fil-ftehim li sar bejn Joseph Cutajar u l-attur u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) il-konvenut Joseph Cutajar ma ghandu jaghti l-ebda somma fi flus kif indikata mill-attur fit-talba intavolata minnu; (iii) il-konvenut Joseph Cutajar ma ghandux jaghti is-somma pretiza mill-attur stante li kien huwa stess li xtara u hallas tal-parts li ghalihom saret referenza fit-talba attrici u dan kif se jirrizulta minn ricevuti li jinsabu fil-pussess tieghu u mix-xhieda li se tinghata tul is-smigh tal-proceduri; (iv)

il-konvenut Joseph Cutajar hallas lill-attur tax-xoghlijiet rezi u li saru minnu fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta, kif jaf ben tajjeb l-attur; (v) minhabba xoghol difettuz li sar mill-attur fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1, Valletta, il-konvenut Joseph Cutajar inkorra diversi spejjez proprju minhabba l-inefficenzja u n-nuqqas ta' sengha w arti ta' l-istess attur; u (vi) fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur;

Semghet ix-xhieda tal-konvenuti Joseph Cutajar[1] u Sharon Camilleri[2] moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016 [3] u semghet ix-xhieda ta' Michael Savona in rapprezentanza ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2016[4] u rat id-dokument, ossia Transcript of Register relattiv ghall-opra tal-bahar Twinkle 1, minnu esebit bhala Dok. "MS1" a fol. 64 tal-process;

Rat li l-konvenut Joseph Cutajar miet fil-mori tal-proceduri u rat li fis-26 ta' Ottubru 2015[5], Susan Callus assumiet l-atti tal-kawza minflok l-imsemmi Joseph Cutajar *qua* eredi tieghu;

Rat li waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016[6], gie dikjarat li l-konvenuta Susan Callus ma taf assolutament xejn fuq dan il-kaz u ghalhekk ma ghandhiex provi xi tressaq;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri ta' l-attur u tal-konvenuta Susan Callus;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti Joseph Cutajar, u illum l-eredi tieghu Susan Callus li assumiet l-atti tal-kawza minfloku stante l-mewt tieghu fil-mori tal-proceduri, u Sharon Camilleri jigu ikkundannati jhallsuh is-somma ta' €4,418.00 rapprezentanti diversi xoghlijiet rezi, spejjez inkorsi u *parts* mixtrija ghall-opra tal-bahar Twinkle 1, Valletta da parte tieghu fuq inkarigu taghhom, prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet u spejjez gew minnu effettivament rezi u inkorsi. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari Sharon Camilleri li giet citata bhala debitrici ta' l-attur, fil-verità ma kellha l-ebda involviment fil-ftehim li sar bejn Joseph Cutajar u l-attur u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) il-konvenut Joseph Cutajar ma ghandu jaghti l-ebda somma fi flus kif indikata mill-attur fit-talba intavolata minnu; (iii) il-konvenut Joseph Cutajar ma ghandux jaghti s-somma pretiza mill-attur stante li kien huwa stess li xtara u hallas tal-parts li ghalihom saret referenza fit-talba attrici u dan kif se jirrizulta minn ricevuti li

[1] Fol. 27 sa' 32 tal-process.
[2] Fol. 25 u 26 tal-process.
[3] Fol. 56 sa' 59 tal-process.
[4] Fol. 65 u 66 tal-process.
[5] Fol. 53 tal-process.
[6] Fol. 55 tal-process.

jinsabu fil-pussess tieghu u mix-xhieda li se tinghata tul is-smigh tal-proceduri; (iv) il-konvenut Joseph Cutajar hallas lill-attur tax-xoghlijiet rezi u li saru minnu fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta, kif jaf ben tajjeb l-attur; (v) minhabba xoghol difettuz li sar mill-attur fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta, il-konvenut Joseph Cutajar inkorra diversi spejjez proprju minhabba l-inefficenzja u n-nuqqas ta' sengha w arti ta' l-istess attur; u (vi) fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu michuda. Susan Callus, li kif già osservat assumiet l-atti tal-kawza minflok Joseph Cuatajr, li miet fil-mori tal-proceduri, *qua* eredi tieghu, tikkontendi li hija ma ghandhiex tigi kkundannatha thallas lill-attur ghar-raguni li hija ma kienet involuta fl-ebda mod fil-kwistjoni, tant illi ma taf xejn dwar dan il-kaz, u fi kwalunkwe kaz ix-xoghlijiet gew esegwiti fuq opra tal-bahar di proprijetà tal-konvenuta Sharon Camilleri.

Fil-fehma tal-Qorti qabel ma jigi determinat u deciz min mill-konvenuti huwa d-debitur ta' l-attur, l-ewwel ghandu jigi determinat jekk l-attur effettivament ghandux dritt jippretendi l-hlas tas-somma ta' €4,418 minnu reklamata fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-pagament u tax-xoghlijiet mhux esegwiti skond is-sengha u l-arti sollevati mill-konvenuti fir-Risposta pprezentata fit-22 ta' Novembru 2011.

In materja ta' pagament il-Qorti taghmel referenza ghall-principjі enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Miller Distributors Limited v. Multi Toys Limited, Appell Civili Nru. 1539/99** deciza fis-16 ta' Dicembru 2002: *Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970, illi bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioè l-attur l-esigibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l- principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu." It-taghlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-ricevuta. Dan ghaliex mhux eskluz li l-prova ta' hlas issir mod iehor ("Joe Chetcuti et -vs- Joseph Pearson et noe") Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dejjem però jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti* **u** ghall-principjі enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Appell Civili Nru. 1590/94** deciza fis-27 ta' Frar 2003 *huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux*

*biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni ta' l-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, il-kreditur originali jkun gie nieqes.*

Fil-kaz in ezami, il-fatt li l-attur esegwixxa xoghlijiet fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta jinsab rikonoxxut minn Joseph Cutajar stess illi meta xehed waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[7] iddikjara li *meta Sharon Camilleri xtrat id-dghajsa ghall-habta ta' l-2010 din kellha bzonn ta' tiswijiet. Zewgt ihbieb tieghi Joseph Pisani u Paul Pisani kienu indirizzawni ghand Matthew Bajada ghal fini li jsiru dawn ix-xoghlijiet. Jien lil Matthew Bajada tlabtu biex ghall-ewwel jaghmel service generali. Hu gie l-ewwel darba u ghamel dan is-service u meta tlabtu jekk ridnix inhallsu xi haga hu qalli li ma kienx hemm ghalfejn. Gie imbaghad it-tieni darba fejn biddel xi affarijiet bhal ma huma l-bellows, il-pipe taz-zet drive, iz-zingijiet, iz-zejt u l-filter u ghamlilha xi cniegi. Meta gie biex jitlaq f'din it-tieni okkazzjoni staqsejtu jekk ghandix intih xi haga u qalli biex naghtih tlett mitt Euro. Il-hlas ta' tlett mitt Euro kien il-hlas a kont kollu ta' l-attur. Jien fil-fatt qabel ma telaq l-attur minn fuq il-post kont tajtu pagament ta' tlett mitt Euro. Ghal dan il-hlas jien kont affettwajtu permezz ta' flus kontanti. B'kollox l-attur gie jahdem fuq id-dghajsa erba' darbiet, meta gie t-tielet darba talabni tlett mitt Euro ohra u jiena tajthomlu. Jien dawn il-flus dejjem hallastu kontanti. Meta gie r-raba' darba ittestja u startjaha biex jara li kienet tahdem, u fil-fatt id-dghajsa hadmet normali. Qabel ma gie biex jitlaq qalli li kelli naghtih tlett mija u hamsa u tletin Euro ohra. Fil-fatt il-kont b'kollox kien xi disa' mija u hamsa u tletin Euro.*

Huwa evidenti li in kwantu rigwarda dawn ix-xoghlijiet, li fil-fatt huma x-xoghlijiet li ghalihom tirreferi il-fattura datata 28 ta' April 2010 esebita bhala Dok. "MB2" a fol. 3 tal-process, u dan kif ikkonfermat mill-istess attur fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016[8], Joseph Cutajar allega l-pagament, liema hlas però fil-fehma tal-Qorti ma giex sodisfacentement ippruvat. In effetti Joseph Cutajar, u ebda wahda mill-konvenuti l-ohra, ma pprezenta l-ebda ricevuta ta' l-allegati hlasijiet effettwati minnu lill-attur u fuq mistoqsija tal-Qorti jekk inghatax ricevuta mill-attur ghall-hlasijiet li jghid li effettwalu, Joseph Cutajar irrisponda *jiena nghid li dan suppost kitibli li dan l-ammont jiena kont hallastu izda x'ghamel ezatt ma niftakarx*. Ghalkemm ghal dik l-istess mistoqsija Joseph Cutajar kompla jghid illi *meta jien kont naffettwa hlasijiet lill-attur, kien ikun hemm prezenti Paul Pisani*, dan Paul Pisani qatt ma tressaq bhala xhud la minn Joseph Cutajar u lanqas mill-konvenuta Susan Callus li assumiet l-atti tal-kawza minflok Joseph Cutajar *qua* eredi tieghu. In effetti l-imsemmija Susan Callus semplicement illimitat ruhha li persistentement tiddikjara li dwar dan il-kaz kollu ma taf assolutament xejn. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-precitata sentenza **Zammit v. Galea, Appell Civili 1590/94**, *fl-assenza ta' ricevuti però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, il-kreditur originali jkun gie nieqes,* prova din li, jigi ribadit ma gietx sodisfacentement prodotta fl-ebda stadju tal-proceduri.

---

[7] Fol. 27 sa' 32 tal-process.
[8] Fol. 56 sa' 60 tal-process.

It-talba ta' l-attur tikkonsisti wkoll fis-somma ulterjuri ta' €3,510.49 li tirrizulta mill-fattura datata 30 ta' Gunju 2010[9], rapprezentanti xoghlijiet minnu esegiwiti fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta meta din zviluppat xi hsara. Anke f'tali rigward Joseph Cutajar ma cahadx li gew esegwiti tali xoghlijiet izda l-kontestazzjoni tieghu kienet fis-sens illi l-hsara in kwistjoni giet kawzata minhabba xoghol hazin precedentement esegwit mill-attur u b'hekk skontu kien l-attur li kellu jbaghti l-ispejjez relattivi. F'tali rigward waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[10] Joseph Cutajar xehed illi *meta jiena kont inkarigajt lill-attur biex jaghmel service fuq id-dghajsa, id-diskors bejnietna kien li kellu jbiddel dak kollu li kien hemm bzonn jinbidel. Dwar dan kien hemm prezenti xhud. Dan huwa dejjem l-istess Paul Pisani. L-ghada li tellajna d-dghajsa l-art, l-attur kien qalli biex il-magna inpoggihielu fuq tow truck u nehodielu l-garaxx. Jien fil-fatt kont gibt tow truck u il-magna tad-dghajsa kienet giet trasportata lejn il-garaxx ta' l-attur. Ghal dan it-trasport u ghal fatt li nqalghet id-dghajsa mill-magna hallast jiena. Meta l-attur beda jahdem fuq il-magna, l-attur l-ewwel diskors tieghu kien, ma jistax ikun li mar il-pipe. Madanakollu qala l-pipe, tahuli biex immur nixtri wiehed bhalu. Meta jien mort ghand il-Grojs iz-Zurrieq dana qalli, dan ma bidillekx, qalli ghax tant il-pipijiet kienu kkrekkjati li suppost kellhom jinbidlu. Il-pipijiet xtrajthom jien u kont jien stess li hallast ghalihom. Kelli wkoll immur nixtri l-bronzini u dawn xtrajthom minn Hal-Luqa. Nerga' nghid li ladarba lill-attur qabbadtu biex jaghmel service generali, kont nippretendi li dawn l-affarijiet jiehu hsiebhom hu. Biex issewwiet il-magna, it-tieni darba, l-attur dam xi tlett gimghat. Meta jien inkarigajt lill-attur biex jaghmel dawn ix-xoghlijiet ma kellix inkun responsabbli ghalihom l-ispejjez jiena ghar-raguni li hu kellu jaghmel service generali minn qabel u meta jiena hrigt bid-dghajsa ma' ghamiltx aktar minn nofs siegha biha. Ta' dan kollu hemm xhud Paul Pisani. Kelli wkoll ingib xi parts tal-krank minghand l-Inginiera li ghal dawn hallast ghalihom jiena. Meta l-attur lesta x-xoghol ta' tiswija fuq il-magna ghall-ewwel ma pprezentali l-ebda kont. Il-krank in kwistjoni kont xtrajtha mill-Marsa u ta' din ghandi wkoll ricevuta. Paul Pisani dejjem kien jghidlu lill-attur meta jien kont qabbadtu jaghmel service generali, suppost dawn ix-xoghlijiet kien ghamilhom, u l-pipijiet biddilhom mill-ewwel u ta' dan kien dejjem ifakkru.*

F'dan il-kaz ukoll però ma hemmx prova sodisfacenti la li l-hsara kienet konsegwenza ta' xoghlijiet hziena esegwiti in precedenza mill-attur u lanqas li l-attur kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati ma' tali hsarat. Ghalkemm Joseph Cutajar iddikjara li hemm xhieda u provi dokumentarji li jistghu jikkoroboraw dak minnu allegat fir-rigward ta' dawn il-hsarat, tali xhieda u provi dokumentarji baqghu ma gew prodotti qatt, la minnu u lanqas minn Susan Callus li assumiet tal-kawza minfloku *qua* eredi tieghu. Apparte minn hekk ma huwiex affattu kredibbli li l-attur ftiehem mal-konvenut li l-istess attur kellu jaghmel tajjeb ghal tali hsarat meta jigi kkunsidrat li l-konvenut inkorra spejjez ulterjuri relatati ma tali hsarat, dwar liema jallega li ghandu r-ricevuti relattivi, li però baqghu ma gewx prodotti, izda bl-ebda mod ma ppretenda jew talab refuzjoni ta' l-istess spejjez minghand l-attur. In-nuqqas ta' prova u ta' azzjoni da parte tal-konvenut ghar-refuzjoni ta' tali

[9] Dok. "MB1" a fol. 2 tal-process.
[10] Fol. 27 sa' 32 tal-process.

spejjez skontu ingustament inkorsi minnu, tikkuntrasta ferm mal-pretensjoni tieghu li l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez marbuta mal-hsara riskontrata fl-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li d-difiza tal-konvenuti in kwantu bbazata fuq il-pagament, fuq il-pretensjoni li parti mill-ispejjez pretizi mill-attur gew inkorsi minn Joseph Cutajar u li x-xoghol esegwit mill-attur fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta kien difettuz u per konsengwenza l-istess attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez inkorsi ghall-hsarat li immanifestaw ruhhom fl-imsemmija opra tal-bahar a kawza ta' tali xoghlijiet hziena, ma hijiex sostenibbli u bhala tali ma ghandhiex tigi milqugha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu dritt jithallas is-somma ta' €4,418.00 rapprezentanti diversi xoghlijiet rezi, spejjez inkorsi u parts mixtrija minnu ghall-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta. Ghandu issa jigi determinat minn min huwa dovut tali hlas, ossia jekk hux mill-konvenuta Susan Callus li assumiet l-atti tal-kawza minflok Joseph Cutajar *qua* eredi ta' l-istess Joseph Cutajar jew mill-konvenuta l-ohra Sharon Camilleri jew inkella mit-tnejn li huma.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenuta Sharon Camilleri tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li hija ma kellha l-ebda involvement fil-ftehim li sar bejn l-attur u Joseph Cutjajar u konsegwentement ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Min-naha l-ohra Susan Callus, li assumiet l-atti tal-kawza minflok il-mejjet Joseph Cutajar fis-26 ta' Ottubru 2015[11], persistentement iddikjarat li hija ma taf assolutament xejn dwar dan il-kaz u peress illi l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta ma kenitx proprjetà ta' Joseph Cutajar u per konsegwenza ma saritx di proprjetà taghha in segwitu ghall-mewt tieghu, izda hija di proprjetà tal-konvenuta l-ohra Sharon Camilleri, ghandha tkun il-konvenuta Sharon Camilleri li thallas lill-attur ghax-xoghlijiet minnu esegwiti fuq l-imsemmija opra tal-bahar.

Mill-atti processwali u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Joseph Cutajar stess[12], jirrizulta li ghalkemm l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta hija registrata fuq isem il-konvenuta Sharon Camilleri, l-inkarigu lill-attur biex jesegwixxi xoghlijiet fuq l-imsemmija opra tal-bahar kull darba nghata direttament minn Joseph Cutajar. In effetti Joseph Cutajar iddikjara li *meta Sharon Camilleri xtrat id-dghajsa ghall-habta ta' l-2010 din kellha bzonn xi tiswijiet. Zewgt ihbiebi tieghi Joseph Pisani u Paul Pisani kienu indirizzawni ghand Matthew Bajada ghall-fini li jsiru dawn ix-xoghlijiet. Jien lil Matthew Bajada tlabtu biex ghall-ewwel jaghmel service generali. … Meta jiena kont inkarigajt lill-attur biex jaghmel service fuq id-dghajsa, id-diskors bejnietna kien li kellu jbiddel dak kollu li kien hemm bzonn jinbidel.* Anke meta zviluppaw hsarat fl-opra tal-bahar in kwistjoni, kien Joseph Cutajar li inkariga lill-attur jesegwixxi t-tiswijiet mehtiega. Apparte minn hekk fejn Joseph Cutajar allega li l-attur thallas, huwa qatt ma ddikjara li l-attur thallas mill-konvenuta Sharon Camilleri izda dejjem stqarr li kien hu stess li hallas lill-attur

---

[11] Fol. 53 tal-process.
[12] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fol. 27 sa' 32 tal-process.

minghajr ebda indikazzjoni li kien qed jaghmel hekk ghan-nom ta' Sharon Camilleri. Bl-istess mod fejn Joseph Cutajar allega li saru hlasijiet ghal xi parts mehtiega biex tissewwa l-hsara li zviluppat fl-opra tal-bahar in kwistjoni, huwa qatt ma allega li l-hlasijiet saru mill-konvenuta Sharon Camilleri izda dejjem stqarr li l-hlasijiet effettwahom huwa stess u ghal darb' ohra minghajr indikazzjoni li kien qed jeffettwa tali hlasijiet ghan-nom ta' Sharon Camilleri.

In materja ta' kummissjonar ta' xoghlijiet huwa principju guridiku assodat li *l-kuntratt ta' l-appalt ma jista' jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjetà tal-fond li fih ix-xoghlijiet kellhom jigu, kif fil-fatt gew, esegwiti. Gustament allura l-ewwel Qorti ikkonsidrat illi salv prova kuntrarja r-relazzjoni guridika li tinholoq bi ftehim ta' appalt, kienet wahda personali mhux relatata mal-fond u konsegwentement il-presunzjoni "iuris tantum" kellha tkun illi min jikkuntratta kien qieghed jikkuntratta f'ismu personalment. Prova kuntrarja naturalment kellha tispetta lill-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' persuna ohra. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha ikun qieghed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat. Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni 'iuris tantum' tvarja sewwa minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju.* Dawn il-principji gew enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice, Citaz. Nru. 1249/90** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 u ghalhekk dawn gew enuncjati fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt relatat ma xoghlijiet ta' kostruzzjoni, ma hemm l-ebda dubju li s-sustanza ta' l-istess principji tapplika kull fejn persuna tigi inkarigata tesegwixxi xi xoghlijiet, hi x'inhi n-natura tax-xoghlijiet.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami ma hemm l-ebda dubju li ghad illi l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta hija registrata f'isem il-konvenuta Sharon Camilleri, ir-relazzjoni guridika relattiva ghal tali xoghlijiet kienet kjarament bejn l-attur u Joseph Cutajar in kwantu kien l-istess Joseph Cutajar li inkariga lill-attur jesegwixxi tali xoghlijiet. Din ir-relazzjoni guridika tirrizulta bl-iktar mod evidenti mix-xhieda ta' Joseph Cutajar li ma gabx, u in verità lanqas ipprova jgib, prova li huwa ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda kien qed jagixxi f'isem Sharon Camilleri. In effetti ghalkemm l-attur seta' kien f'dak iz-zmien konxju mill-fatt li l-opra tal-bahar in kwistjoni ma kenitx reigstrata f'isem Joseph Cutajar izda f'isem terza persuna, l-agir ta' l-istess Joseph Cutajar vis-à-vis l-attur ma jhalli l-ebda dubju dwar min effettivament kien qed jinkarigah jesegwixxi x-xoghlijiet - ossia l-istess Joseph Cutajar – u li dan kjarament ma kienx qed jagixxi f'isem haddiehor, ossia f'isem il-konvenuta Sharon Camilleri. Minn dan isegwi ghalhekk li hija Susan Callus, li llum assumiet l-atti tal-kawza minflok Joseph Cutajar *qua* eredi tieghu, li ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas pretiz mill-attur.

Il-linja difensjonali adottata mill-imsemmija Susan Callus hija li hija semplicement eredi ta' Joseph Cutajar, li per di più ma kienet taf xejn b'dan il-kaz u ma kienet bl-ebda mod involuta fih, u ladarba l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta fuq liema gew esegwiti x-xoghlijiet da parte ta' l-attur hija proprjetà tal-konvenuta Sharon Camilleri, hija din l-istess Sharon Camilleri li ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas pretiz mill-istess attur. Tali linja difensjonali però hija guridikament insostenibbli u bhala tali ma tistax tigi milqugha.

Jibda biex jigi osservat li proprio *qua* eredi ta' Joseph Cutajar, Susan Callus mhux biss dahlet fil-pussess tal-hwejjeg tal-mejjet Joseph Cutajar izda assumiet fuqha wkoll l-obbligu li thallas il-pizijiet kollha ta' dak il-wirt u dan kif jirrizulta mill-Artikolu 836 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu jipprovdi: *il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet jghaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt*. B'hekk *qua* eredi ta' Joseph Cutajar hija dahlet fiz-zarbun ta' l-istess Joseph Cutajar u ghandha l-obbligu li thallas id-debiti kollha ta' l-istess Cutajar, inkluz ghalhekk is-somma pretiza mill-attur bil-proceduri odjerni.

Ghalkemm huwa minnu li x-xoghlijiet gew esegwiti fuq l-opra tal-bahar Twinkle 1 Valletta registrata f'isem il-konvenuta Sharon Camilleri u b'hekk jista' jinghad li l-beneficcju finali ta' tali xoghlijeit haditu proprio l-istess Sharon Camilleri, fil-kaz in ezami t-talba ta' l-attur fil-konfront taghha ma tistax tirnexxi in kwantu kjarament ma jissussistux l-estremi tar-rimedju *de in rem verso* li se mai huwa r-rimedju li huwa seta' kellu fil-konfront taghha. Dan japplika iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li in segwitu ghall-mewt ta' Joseph Cutajar – id-debitur principali ta' l-attur – l-atti tal-kawza gew assunti minn Susan Callus *qua* eredi tieghu. In effetti huma principji assodati in materja li *il rimedio sussidiario 'de in rem verso' basato sulle disposizioni contenute nel titolo onomino del Digesto … venne dai pratici esteso, oltre ai casi contemplati in quel titolo, a tutti gli altri in cui si fosse avverata una effettiva locupletazione a danno altrui in base al noto principio 'juri naturae aequum est nominen cum alterius detriment et injuria fieri locupletiorem' o fu concesso nei casi in cui l' azione 'ex contractu' non è esperibile. Quella tale azione ha il fondamento o ad un tempo il suo limite nel vantaggio recato al terzo. … l'actio de in rem verso è un mezzo speciale, particolare, sussidiario che si accorda in mancanza di altra tutela qaundo al danneggiato non compete altro rimedio dipendente da contratto o quasi contratto*[13].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kif gustament eccepit mill-konvenuti fir-Risposta taghhom ipprezentata fit-22 ta' Novembru 2011, il-konvenuta Sharon Camilleri ma kellha l-ebda involvement fil-ftehim li sar bejn Joseph Cutajar u l-attur u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt illi l-attur ghandu dritt ghall-hlas tas-somma ta' €4,418 ghax-xoghlijiet minnu esegwiti u spejjez inkorsi fir-rigward ta' l-opra tal-bahar Twinkle 1

[13] Joseph Cachia v. Yellow Fun Limited, Appell Civili Nru. 1642/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005 u Scicluna v. Watson, deciza fil-15 ta' Lulju 1901, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXVIII – I – 26.

Valletta fuq inkarigu ta' Joseph Cutajar, liema somma ghandha tithallas lilu mill-konvenuta Susan Callus li assumiet l-atti minflok Joseph Cutajar *qua* eredi tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-konvenuta Sharon Camilleri ma kellha l-ebda involvement fil-ftehim li sar bejn Joseph Cutajar u l-attur, tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenuti;
3. Tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li fuq inkarigu ta' Joseph Cutajar l-attur esegwixxa xoghlijiet fuq u inkorra spejjez fir-rigward ta' l-opra tal-bahar Twinkle 1 – Valletta fl-ammont ta' €4,418.00, tikkundanna lill-konvenuta Susan Callus thallas lill-attur is-somma ta' €4,418.00, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Marzu 2011, id-data tal-prezentata tar-Risposta ghall-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Nrumu 364/11, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez relatati ma' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 364/11, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta Susan Callus.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**